**Fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)**

Rikors Guramentat numru: XX/XXXX/YZ
Appuntata: XX/XX/XXXX

AB

*vs*

CB

**Risposta Guramentata tal-attrici rikonvenzjonata;**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma s-segwenti fatti liema fatti hija taf bihom personalment:-

Qabel xejn l-esponenti qed tecepixxi s-segwenti:-

1. Illi dwar l-ewwel talba l-esponenti taqbel mal-konvenut rikonvenzjonant li din l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti kif ukoll li l-partijiet jigu awtorizzati jghixu separatament izda ma taqbilx li r-raguni li l-hajja konjugali ta' bejniethom tkissret irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputata lilha;

2. Illi dwar it-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant din ghandha tigi michuda stante li huwa kapaci jahdem u jmantni lilu nnifsu u anki jekk ma jkunx jista jahdem huwa ghandu l-mezzi necessarji sabiex ikun jista jmantni lilu nnifsu hekk kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza. Dwar ir-retta alimentarja dovuta ghal bint minuri RB, din ghandha tithallas mill-parti li jkollha d-dritt ta' access ghall-minuri u li mhijiex necessarjament l-esponenti;

3. Illi dwar it-tielet talba l-esponenti ma ssib l-ebda oggezzjoni li r-residenza tal-minuri tigi dikjarata u ordnata li tkun fil-Gzejjer Maltin stante li l-esponenti m'ghandha l-ebda intenzjoni li tistabilixxi r-residenza permanenti taghha jew dik ta' bintha barra minn Malta;

4. Illi dwar ir-raba' talba din ghandha wkoll tigi michuda stante li huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata fl-esponenti. Dwar dak li qieghed jallega l-konvenut rikonvenzjonant li l-esponenti ghandha l-vizzju tax-xorb u li ppruvat tahrab minn Malta bil-minuri RB dan assolutament mhuwiex minnhu;

5. Illi dwar il-hames talba din ghandha tigi michuda stante li r-raguni li tfarrak iz-zwieg m'hijiex imputabbli lill-esponenti izda hija mputabbli biss lill-konvenut rikonvenzjonant;

6. Illi dwar is-sitt talba din ghandha tigi wkoll michuda ghar-raguni li l-esponenti m'hijiex hatja tal-firda kif ukoll ghar-raguni li l-partijiet kienu ghazlu s-separazzjoni tal-beni sabiex tirregola z-zwieg taghhom sa mill-2010 u ghalhekk l-Art. 48 sa 54 tal-Kap. 12 mhumiex applikabbli ghal kaz odjern;

7. Illi dwar is-seba' talba din ghandha tigi michuda stante li sa fejn taf l-esponenti m'hemm l-ebda gid komuni bejn il-kontentendi;

8. Illi dwar it-tmien talba din ghandha wkoll tigi michuda u dan ghaliex sa fejn taf l-esponenti qatt ma gew moghtija beni u/jew krediti dotali qabel iz-zwieg. Dwar il-beni parafernali li setghu inghatu lill-partijiet, dawn gew moghtija lil xulxin bhala rigali;

9. Illi dwar l-ispejjez tal-kawza u tal-kontro-talba dawn ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi in sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet, l-esponent tiddikjara s-segwenti:-

1. Illi madwar sena ilu l-konvenut rikonvenzjonant iddecieda li jbiegh id-dar matrimonjali (propjeta tal-konvenut rikonvenzjonant) fejn kienu jghixu l-kontendenti. Minkejja li l-esponenti insistiet li jmorru joqghodu f'post mikri sakemm isibu dar, l-intimat irrifjuta li jaghmel dan fuq il-pretest li mghandux mnejn ihallas u minflok ha lill-esponenti u lil binthom minuri jabitaw flimkien mal-genituri tieghu fid-dar taghhom. Din is-sitwazzjoni holqot tensjoni kbira bejn il-kontendenti, liema tensjoni kompliet tissawwar bl-indhil ta' familjari tieghu;

2. Illi f'Gunju 2016, l-esponenti kellha argument ma' zewgha meta dan ipprova jiehu c-cwievet tal-vettura proprjeta tal-esponenti u ndahlet omm il-konvenut rikonvenzjonant XB li rrivolgiet ruhha lejn l-esponenti bi kliem dispregjattiv kif ukoll qaltilha biex titlaq mid-dar taghha. Hija wissietha wkoll li kienet se taghmel minn kollox sabiex tehdilha l-bintha minuri. Quddiem din is-sitwazzjoni, l-esponenti harget minn dar il-kunjata u marret tabita flimkien ma' bintha f'appartament li ghandha l-esponenti;

3. Illi l-esponenti qatt ma kellha u m'ghandhiex intenzjoni li titlaq minn Malta stante li hija ilha tghix f'Malta ghal snin twal, hija cittadina Maltija u llum hajjitha hija stabbilita f'Malta, il-familjari taghha – ommha, ohta u n-neputija taghha huma residenti f'Malta kif ukoll hija akkwistat propjeta li tinsab f'Malta. Ghalhekk m'ghandha l-ebda intenzjoni li tmur tghix barra u tichad li hija qatt pruvat tahrab flimkien ma' bintha;

4. Illi l-esponenti hija ferm sorpriza li l-konvenut rikonvenzjonant qieghed jitlob il-kura u l-kustodja tal-minuri. Fil-prezent il-partijiet qeghdin isegwi

d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta moghti *pendent lite* tas-27 ta' Lulju 2016 u cjoe l-minuri qed tirrisjedi flimkien mal-esponenti b'access ghal konvenut rikonvenzjonant, fil-vaganzi skolastici kull nhar ta' Tnejn u ta' hamis bejn l-10:00am u s-7:00pm u waqt is-sena skolastika nhar ta' Tnejn u ta' hamis minn wara l-iskola sas-7:00pm. Fil-weekend b'mod alternattiv mill-Gimgha fil-5:00pm sas-Sibt fil-5:00pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt sal-Hadd fl-istess hinijiet u dan is-sena kollha. Minkejja li l-esponenti izzomm ma' dan il-provvediment u ghadd ta' drabi ikkoncediet lill-konvenut rikonvenzjonant aktar hin mal-minuri minn dak stabbilit, dan l-ahhar hija qed tircievi telefonati mir-rapprezentant tal-iskola fejn tattendi l-minuri sabiex taghti l-permess taghha biex il-minuri tingabar wara l-iskola minn nanniet paterni taghha – il-genituri tal-konvenut rikonvenzjonant. Dan nibbet dubju fl-esponenti li l-konvenut rikonvenzjonant sab impjieg. Jekk dan huwa minnhu, jkun ferm difficli biex huwa jiehu hsieb kif mixtieq tal-kura u l-kustodja tal-minuri bil-probabilita tkun li l-kura u l-kustodja tal-minuri tghaddi fuq terzi cjoe in-nanniet paterni taghha minhabba x-xoghol tieghu;

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Marycien Vassallo

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: XYZ
Intimat: Avv. SD – Il-Qorti, Vallett

**Fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)**

Rikors Guramentat numru: XX/XXXX/YZ
Appuntata: XX/XX/XXXX

AB

*vs*

CB

**Lista tax-Xhieda**

L-attrici rikonvenzjonata sabiex tixhed dwar il-fatti;

Ix-xhieda kollha msemmija mill-konvenut rikonvenzjonant sabiex jixhdu in ezami jew in-kontro ezami dwar il-fatti u l-mertu tal-kawza;

Rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jixhed dwar il-vetturi f'isem il-partijiet;

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Marycien Vassallo

P.L. Jean-Pierre Busuttil